MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2006

Appell Kriminali Numru. 202/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Tarek Mahmoud Abou Mehdi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Tarek Mahmoud Abou Mehdi talli fis-26 ta' Settembru 2005 f'xi hin bejn it-8.00 a.m. u d-9.45 p.m., mill-fond Flat 6, Blokk A, Queen Elizabeth Flats, Triq Gort, Paceville limiti ta' San Giljan, flimkien ma' certu George Vella:

(1) Ikkommetta serq ta' flus u oggetti ohra ghad-dannu ta' Simon Lee Jackson liema serq huwa aggravate bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin, u bil-lok;

(2) Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix il-hamsin lira Maltin, izda izjed minn ghaxar liri Maltin;

(3) Fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstab hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

(4) Kiser il-provedimenti ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza datata 26 ta' Lulju 2002 meta kien misjub hati ta' reat ta' feriment gravi fuq il-persuna, fost akkuzi ohra, u gie kkundannat tmintax-il xahar habs sospizi ghal tliet snin;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' Mejju 2006, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Tarek Mahmoud Abou Mehdi hati ta' l-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkundannatu sentejn prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas il-perijodu li ghamel taht arst preventive, izda ma sabitux hati tar-raba' imputazzjoni u minnha lliberatu;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Tarek Mahmoud Abou Mehdi pprezentat fit-2 ta' Gunju 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabitu mhux hati u tirrevokaha fil-kumplament u hekk tilliberah minn kull htija u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) m'hemm l-ebda prova diretta li s-serq u hsara saru minnu; (2) il-provi cirkostanzjali mhumiex univoci u konkordanti;

(3) ma jistax ikun hemm presunzjoni ta' htija mill-fedina penali tieghu; (4) hu ma kien obbligat iwiegeb l-ebda mistoqsija, il-piz tal-prova li hu ma wettaqx is-serq ma taqax fuqu, u l-fatt li kien fil-vicin mhux bizzejjed biex igib fl-azzjoni t-teorija tal-pussess ricenti ta' l-oggett misruq.

Dawn l-aggravji jirrikjedu apprezzament mill-gdid tal-provi u, kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

Irid jigi osservat illi s-sentenza appellata hija sfortunatament ghal kollox nieqsa minn motivazzjoni, salv li jidher li l-ewwel Qorti kienet soddisfatta <u>mix-xiehda li semghet</u> dwar il-htija ta' l-appellant ghall-ewwel tliet imputazzjonjiet. Din il-Qorti ghalhekk ezaminat mill-gdid il-provi kollha li semghet l-ewwel Qorti sabiex tara jekk dik il-

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni taghha.

Ix-xiehda tax-xhieda tal-prosekuzzjoni tista' tigi riassunta hekk:

**Angel Ivanov Radkov** xehed illi fis-26 ta' Settembru 2005 ghall-habta tal-5.00 p.m. kien qieghed ghand habib tieghu li joqghod Flat 12, Blokk A, Queen Elizabeth Flats u meta kien hiereg ra zewgt irgiel hergin minn flat minghajr ma sakru warajhom u bdew nezlin it-tarag. Seta' jaralhom wicchom. Wiehed kien bin-nuccali. Wiehed kien liebes T-shirt iswed u kellu xaghru qasir filwaqt illi l-iehor kellu T-shirt blu strixxat u kellu xaghru twil. Dak li kien liebes it-T-shirt l-iswed kellu *ruck-sack* u fuq it-T-shirt kellu miktub "FBI". Xaghru kien qasir u nnukklat. Mistoqsi jaghrafx lil xi hadd fil-Qorti, wiegeb li ma kienx cert peress illi kienu ghaddew erba' xhur. Dwar l-imputat qal illi jidher ikbar ("bigger"), ghalkemm mistoqsi f'liema sens, wiegeb li ma jafx. Dwar it-T-shirt qal li jahseb li l-ittri "FBI" kienu miktubin bl-abjad u mhux bl-isfar. Sostna pero` illi ma setax jiftakar car u li fil-gurnata meta saqsewh kien spjega dak li kien ra izda ma setax jiftakar x'qal wara hames xhur. In kontro-ezami, qal li z-zewgt irgiel li kien ra hergin mill-flat ma kienx rahom qabel. Qal li rahom nezlin it-tarag bl-ghagla u hargu jigru fuq it-triq. Waqt ri-ezami qal li dak li kien liebes it-T-shirt l-iswed rah l-ewwel darba barra quddiem il-bieb tal-flat imbaghad hareg dak ta-T-shirt il-blu li gibed il-bieb warajh minghajr ma sakkar. Tat-T-shirt il-blu kellu xaghru twil bhala b'*pony tail* u l-iehor kellu xaghru qasir u nnukklat b'*ruck-sack* f'idejh izda ma setax jiftakar jekk il-kulur ta' l-ittri "FBI" kienx abjad jew isfar.
**Simon Lee Jackson** xehed illi huwa kien joqghod Flat 6 Blokk A, Queen Elizabet Flats, Gort Street, Paceville u ghall-habta tad-9.30 p.m. f'gurnata ta' Settembru 2005 ircieva telefonata minghand gar tieghu, certu Jerry Mangion, fis-sens illi kien irritorna l-appartament tieghu u nnota li l-bieb ta' l-appartament tax-xhud kien miftuh, qisu sgassat. Meta x-xhud irritorna sab li kien hemm taqlib shih. Kienu nsterqulu kwazi elf lira Maltin (Lm1,000), arlogg Gucci tal-mara tieghu tal-valur ta' madwar mitjen u hamsin lira Sterlina, arlogg ta' l-irgiel Seiko tal-valur ta'

madwar mija u hamsin lira Sterlina, u xi *costume jewellery*. Il-flus kienu go kexxun ta’ komodina. Il-bieb ta’ barra kien gie sgassat. Fil-fatt is-serratura kellha tinbidel bi spiza ta’ madwar hamsa u tletin lira. Ix-xhud qal li dakinhar kien hareg filghodu u rritorna f’xil-4.30 p.m./4.45 p.m. biex igib  xi haga u rega’ hareg. Kollox kien normali dak il-hin. Lill-appellant (allura imputat) jafu ghax gieli rah f’Paceville u jsuq karrozza sewda b’ “007” fuq in-*number plate*. Qatt ma kien kellmu. Ix-xhud qal li joqghod fl-istess block fuq l-Avenue Restaurant li ghandhom cameras tas-sigurta` peress illi ghandhom l-istores fil-blokk, u fil-fatt huwa ra dan il-video li gie kkonsenjat imbaghad lill-Pulizija u minnu, f’perijodu ta’ tliet sieghat, l-unici tnejn min-nies li raw, apparti l-istaff ta’ l-Avenue li jidhlu fl-istores, kienu l-appellant flimkien ma’ ragel iehor Malti dehlin u hergin mill-entratura principali tal-blokk kollu. Wiehed minnhom kellu basket f’idejh. Ma setax jiftakar x’kienu lebsin. Il-hin tar-*recording* jikkorrispondi mal-hin li l-appartament tieghu kien vojt.

**Joseph Mangion** xehed illi huwa jiggestixxi l-Avenue Restaurant f’Paceville u mal-fond ghandu CCTV cameras. Kien ra l-film fil-camera qabel ma rrekordjawh u taw il-video lill-Pulizija, u minnu ra x nies dehlin fl-appartamenti [Queen Elizabeth Flats] li ma joqoghdux f’dawk l-appartamenti. Lill-appellant ma jafx li kellmu.

**P.S. 516 Alfio Borg** ha xi ritratti minn fuq video originali tas-CCTV li kien ghaddihulu l-Ispettur Mercieca u esebihom bhala Dok. AB1 u AB2. Id-data u l-hin huma kif rizultanti mit-tape li minn fuqu ha r-ritratti.

**P.S. 112 Oliver Vella** xehed illi fis-26 ta’ Settembru 2005 kien xoghol ta’ bil-lejl fl-ghassa ta’ San Giljan meta mar certu Simon Lee Jackson jirrapporta li kienu nsterqulu Lm1,000 cash mill-flat tieghu. Ix-xhud esebixxa l-okkorrenza bhala Dok. OV1. Huwa mar fuq il-post, sab il-bieb sgassat u affarijiet imqallbin fil-kamra tas-sodda. Ra l-video tal-Avenue Restaurant imma ma kienx car hafna. Informa bil-kaz lill-Ispettur Martin Sammut.

**L-Ispettur Joseph Mercieca** xehed illi fis-26 ta' Settembru 2005 ghall-habta ta' l-10.00 p.m. certu Simon Lee Jackson kien irrapporta fl-ghassa ta' San Giljan li dakinhar stess, kwarta qabel, meta rritorna d-dar kien sab li xi hadd kien sgassalu l-bieb u minn gewwa serqulu kwazi elf lira fi flus kontanti u arlogg tan-nisa Gucci. Mill-indagini tal-Pulizija rrizulta li kien hemm CCTV camera ma' l-Avenue Restaurant li jigi taht Queen Elizabeth Court Block A, u mir-recordings kien irrizulta li ghall-habta tal-hamsa nieqes kwart ta' l-istess gurnata kienu dehru zewg persuni suspettuzi ihufu quddiem il-Blokk. P.S. 516 Alfio Borg ghaddielu l-istills Dok. AB1 u AB2 u gharaf il-persuni fihom bhala l-appellant u certu George Vella. Fis-27 ta' Settembru x-xhud qal li mar fuq il-post u sab sinjali ta' sgass fuq il-bieb tal-flat. Huwa arresta lil George Vella fid-19 ta' Dicembru li cahad l-involviment tieghu ghalkemm ammetta li hu u l-appellant kienu flimkien kif jidher mir-ritratti esebiti. Ghall-ewwel qal lix-xhud li ma kinux dahlu fil-Blokk in kwistjoni izda wara qal li kienu dahlu fil-Blokk, li kienu habbtu bieb fl-ewwel sular u li kien kellimhom persuna. Ix-xhud qal li arresta lill-appellant fit-22 ta' Dicembru, li ammetta li l-persuni fir-ritratti kienu hu u George Vella u anke li kienu dahlu fil-Blokk in kwistjoni, u habbtu l-bibien fl-ewwel sular u kien kellimhom persuna li kien liebes ta' kok. L-appellant qallu li kien mar hemm hekk biex jara jsibx xi flat fejn joqghod. Sussegwentement ix-xhud kellem lil certu Bozidan Nikolai Kirxef, Bulgaru li kien joqghod fi flat 8, Block A, Queen Elizabeth Flats, li jigi fuq is-sular ta' fuq tal-flat misruq u li qallu li hu ma kien ra u sema' xejn, izda li dakinhar ghall-habta tal-5.15 p.m. kien hemm habib tieghu li kien ghadu kemm telaq minn ghandu, certu Angel Radkov. Dan qal lix-xhud li kif kien niezel, ra xi persuni mill-flat ta' tahtu nezlin jghagglu t-tarag li wiehed kien bit-toppu u wiehed bil-berritta u lebsin skuri. Qal li wiehed kien pjuttost twil u wiehed daqsxejn iqsar minnu. Meta wrieh ir-ritratti qallu li l-persuni fil-filmati jixbhu hafna lill-istess persuni li ra nezlin it-tarag dakinhar ta' l-incident in kwistjoni. Fis-7 ta' Jannar 2006 ix-xhud flimkine ma' P.S. 180 ghamlu tfittxija fil-fond Flat 4, Block I, Door B, Triq Francesco Balbi, San Giljan fejn tirrisjedi mart l-appellant, u f'wiehed mill-basktijiet li l-appellant qal li kienu tieghu, instab top iswed bil-kliem "FBI" ipprintjat

fuqu. Ix-xhud spjega li waqt l-interrogatorju l-appellant kien qal li dak il-flokk kien intiliflu meta kien il-habs. Kif rah fil-baskett, qal lil martu: “Mela dan ghadu hawn?” L-istqarrijiet Dok. JM1, JM2 u JM3 huma l-istqarrijiet li ghamel l-appellant.

**P.S. 180 Fabian Aquilina** gharaf l-istqarrija Dok. JM3 bhala dik maghmula mill-appellant wara li nghatatlu is-solita twissija u li ghazel li ma jiffirmax. Gharaf il-firma tiegu u ta’l-Ispettur Mercieca fuq l-istess stqarrija. Qal ukoll li kienu marru ma’ l-appellant hdejn Queen Elizabeth Flats fejn l-appellant ikkonferma li kien dahal fil-Blokk imsemmi. Imbaghad fis-17 ta’ Jannar, flimkien ma’ l-Ispettur Mercieca, marru go flat f’San Giljan fejn l-appellant kellu basket bil-hwejjeg u minn go fih elevaw T-shirt iswed li kellu miktub “FBI” fuqu.

**P.C. 971 Patrick Pisani** gharaf l-istqarrijiet Dok. JM1 u Dok. JM2 bhala stqarrijiet ta’ l-appellant li huwa ghamel wara li nghata t-twissija u fuqhom ix-xhud gharaf il-firem tieghu. Qal ukoll illi fit-22 ta’ Dicembru, flimkien ma’ P.S. 180, marru Queen Elizabeth Flats Block A fi Triq Gort, Paceville, u l-appellant indikalhom il-flats fejn kien dahal.

**P.S. 602 Jonathan Attard** xehed illi fis-26 ta’ Settembru kien gie mqabbad mill-Ispettur Martin Sammut biex imur Queen Elizabeth Flats, Flat 6, Gort Street, San Giljan minn fejn kienet saret serqa, u minn hemm, bhala *scene-or-crime officer*, kien eleva impronta li giet ipprezentata fi proceduri ohra.

**P.S. 964 Robert Scicluna** xehed li kien gie imqabbad mill-Ispettur Martin Sammut sabiex jiehu ritratti fuq il-post in kwistjoni. Huwa esebixxa re-prints minn fuq in-negattiva li gew immarkati Dok. RS1.

**L-Ispettur Martin Sammut** xehed illi fis-26 ta’ Settembru 2005 kien gie infurmat minn P.S. 112 Oliver Vella dwar ir-rapport li kien ghamel Simon Lee Jackson kif ukoll li kien accede fuq il-post u sab li kien sar sgass. Huwa ghalhekk informal ill-Magistrat ta’ l-Ghassa, il-Magistrat Dott. Joseph Cassar, li ordna li ma ssirx inkjesta pero` ghandha

tithalla investigazzjoni tal-Pulizija. Huwa ghalhekk kien sejjah lil P.S. 964 u P.S. 602 sabiex jaghmlu l-investigazzjonijiet necessarji. Huwa mbaghad kien ra footage minn CCTV camera mwahhla ma' l-Avenue Restaurant mnejn dehru zewg persuni jippassiggaw quddiem il-Blokk in kwistjoni. L-investigazzjonijiet tkomplew mill-Ispettur Mercieca.

Minn dawn il-provi din il-Qorti hi soddisfatta illi l-ewwel Qorti effettivament setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni ta' htija li waslet ghaliha. Ghalkemm m'hemmx xhud okulari li ra lill-appellant gewwa l-appartament derubat u ma nstabitx xi impronta tas-swaba' tieghu gewwa l-appartament, il-provi indizjarji huma, kuntrarjament ghal dak li sostna l-appellant, univoci. L-appellant jammetti mhux biss li dahal fil-blokk appartamenti in kwistjoni (flimkien ma' certu George Vella) izda  sahansitra li habbat fuq xi bibien, allegatament ghax kien qieghed ifittex post ghalih fejn joqghod – allegazzjoni li din il-Qorti tqis inverosimili ghall-ahhar u aktar temmen illi kienet biss tattika uzata sabiex jaraw jekk kienx hemm nies fl-appartamenti. Din il-Qorti hi moralment konvinta illi l-persuni li osserva  Angel Ivanov Radkov kienu effettivament l-appellant u l-imsemmi George Vella, l-appellant li kien ghadu kemm hareg u George Vella li kien ghadu hiereg mill-appartament derubat. Huwa minnu illi fil-Qorti l-imsemmi Radkov ma setax jaghraf lill-appellant, izda d-deskrizzjoni li jaghti certament tikkombacja mad-dehra ta' l-appellant u Vella fir-ritratti AB1 u AB2. L-ghagla li wrew biex johorgu mill-blokk appartamenti kienet il-harba taghhom minn fuq ix-xena tad-delitt. Barra minn hekk l-Ispettur Joseph Mercieca xehed illi Radkov kien qallu "li l-persuni li jidhru fil-filmati jixbhu hafna lill-istess persuni li ra nezlin mit-tarag dakinhar tal-incident in kwistjoni". Fuq ir-ritratti esebiti hemm il-hinijiet li l-appellant u George Vella dehru quddiem il-blokk appartamenti u dan huwa vicin il-hin li gew osservati minn Radkov gewwa l-blokk. Ma tistax ma ssirx referenza wkoll ghal dak li xehed Simon Lee Jackson, id-derubat, li ra r-recording u qal li l-unici tnejn min-nies li raw, apparti l-istaff ta' l-Avenue li jidhlu fl-istores, kienu l-appellant flimkien ma' ragel iehor Malti dehlin u hergin mill-entratura principali

tal-blokk kollu u li wiehed minnhom kellu basket f'idejh. Dan kollu jipponta lejn il-htija ta' l-appellant ghar-reati in dizamina u ghalhekk l-appell ma jimmeritax li jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------